**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. AbiF Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ġunju 2019

Rikors Numru: 8/2011 AL

**A B C**

Vs

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fit-11 ta' JBr 2011 li permezz tieghu l-attriċi ippremettiet:

1. Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ fil-ġurnata tal-24 ta' Ġunju 1995 u minn din l-għaqda twieldu E ta' tlettax-il sena (13) u F ta' disa' snin (9).

2. Illi l-ħajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti m'għadhiex aktar possibli u dan minħabba ħtijiet imputabbli lill-intimat konvenut senjatament minħabba theddid, eċċessi, sevizzi, inġurji gravi li tinkludi anke vjolenza fiżika, tal-intimat fil-konfront tal-esponenti u in subsidum, għax iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u

3. Illi l-esponenti ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-11 ta' Novembru, 2010 biex tkun tista' tipproċedi f' din l-istess istanza; u

4. Illi t-tentattivi kollha biex jintlaħaq ftehim bonarju ma swew għalxejn u għalhekk kellhom ukoll jiġu intavolati l-proċeduri odjerni;

Talbet lill-konvenut jgħid ghaliex din il-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenut intimat, u tawtorizza lill-attriċi rikorrenti tgħix separatament mill-konvenut intimat;

2. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E u F li għandha tiġi fdata f'idejn l-attriċi rikorrenti, u tiffissa l-granet u l-ħinijiet li fihom il-konvenut intimat għandu jingħata aċċess fil-konfront tal-minuri, liema aċċess għandu jiġi eżerċitat taħt superviżjoni;

3. Tordna u tikkundB lill-konvenut intimat jivversa manteniment għall-attriċi rikorrenti għaliha u għall-minuri, skond il-mezzi tal-konvenut intimat, liema manteniment għandu jiġi likwidat u ffissat minn din il-Qorti;

4. Tapplika kontra l-konvenut intimat interament jew in parti, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti mill-istess komunjoni jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet kif jiġi stabilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet kif jiġi stabilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet għandhom jiġu assenjati, waħda lill-esponenti u l-oħra lill-konvenut intimat, okkerendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku jekk ikun il-każ biex jirċievi l-atti ta' diviżjoni relattiv u kuraturi biex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

7. Tordna lill-konvenut intimat biex jivvaka mid-dar matrimonjali u li l-attriċi esponenti tiġi awtorizzata tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri E u F sakemm dawn jagħlqu l-eta' maġġorenni ad esklużjoni tar-raġel;

8. TikkundB lill-konvenut intimat jikkonsenja lill-esponenti l-beni parafernali tagħha u tordna li l-esponenti għandha tingħata l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tagħha;

9. Tawtorizza lill-attriċi rikorrenti tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li qed jiġi minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut a fol. 17 li permezz taghha espona:

1. Illi l-esponenti jaqbel illi din il-Qorti għandha tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, pero' dan b'ebda ħtija tal-

esponenti iżda bi ħtija unika tal-attriċi, minħabba li hija rrendiet ruħha ħatja fil-konfront tal-esponenti ta' eċċessi, sevizzi u theddid u tgħajjir kif ukoll minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment.

2. Illi rigward l-kura u kustodja tal-minuri, l-esponenti qed jopponi illi din tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi peress illi m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandu jsir dan, pero' u mingħajr preġudizzju, f'każ li din il-Qorti tilqa' t-talba attriċi f'dan ir-rigward, l-esponenti għandu jkollu aċċess liberu għall-istess minuri u mhux taħt xi forma ta' superviżjoni.

3. Illi stante li l-attriċi hi responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ, l-esponenti m'għandu jiġi kkundBt jħallasha l-ebda manteniment għaliha. Fir-rigward tal-minuri il-manteniment għandhom jkunu responsabbli għalih il-kontendenti f' ammonti ugwali skond kif tiddetermina din il-Qorti.

4. Illi ma jeżistux l-elementi neċessarji sabiex jiġu applikati fil-konfront tal-esponenti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din it-talba għandha tiġi miċħuda.

5. Illi l-esponenti jaqbel mal-ħames talba attriċi.

6. Illi l-esponenti m'għandu l-ebda oġġezzjoni għas-sitt talba attriċi.

7. Illi l-esponenti qiegħed jopponi għas-sebgħa talba tal-attriċi, u semmai il-propjeta'hemm imsemmija għandha tinbiegħ, bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, b'liema sehem mir-rikavat l-attriċi tkun tista' faċilment tixtri propjeta' oħra.

8. Illi sa fejn jaf l-esponenti ma hemm ebda propjeta' parafernali tal-attriċi, pero huwa m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jikkonsenja tali propjeta' jekk din teżisti u li l-attriċi, f'din l-eventwalita' tingħata il-pjena amministrazzjoni tal-istess.

9. Illi l-esponenti ma għandu l-ebda oġġezzjoni għad-disa' talba attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi inġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-noti ġuramentati tal-partijiet ;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi, inkluż ir-recordings fuq CD.

Semgħet ix-xhieda.

Rat il-verbali tas-seduti kollha miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Barbara O'Brien, Dottor Nadia Vella u Dottor B Mallia, kif ukoll id-dokumenti hemmhekk esebiti.

Ikkunsidrat:

PROVI PRODOTTI

Il-provi miġjuba huma s-segwenti:

i. Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dottor Stephanie Galea iddatat is-6 ta' Diċembru 2010 meta E kellu erbatax-il sena u F kellha għaxar snin;

ii. Affidavit tal-attriċi maħluf fit-3 ta' Ottubru 2011 ;

iii. Affidavit ta’ G magħruf H I, missier l-attriċi, maħluf fit-13 ta’ JBr 2012 ;

iv. Affidavit ta’ J I, omm l-attriċi, maħluf fit-13 ta’ JBr 2012 ;

v. Affidavit ta’ K I, ħu l-attriċi, maħluf fit-13 ta’ JBr 2012 ;

vi. Ordni ta’ protezzjoni skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, kontra l-konvenut u favur l-attriċi, il-ġenituri tagħha u ħuha maħruġa fl-24 ta’ Ottubru 2011 ;

vii. Cd li jikkontjeni numru ta’ konverżazzjonijiet ossija ġlied bejn il-partijiet u dagħa, kliem oxxen u dagħa min-naħa tal-konvenut ;

viii. Rapport tal-Ħaddiema Soċjali Josette Camilleri ippreżentat fis-7 t’Ottubru 2011, wara n-nomina tal-Qorti fil-25 ta’ Awwissu 2012 ;

ix. Rappreżentant tal-Bank of Valletta p.l.c. ippreżenta prospetti tal-kontijiet bankarji tal-konvenut ;

x. Rappreżentant ta’ Malta Freeport Terminals Limited ippreżenta FS3 għas-sena 2012 u payslips tal-konvenut ;

xi. Rappreżentant tal-Bank of Valletta p.l.c. ippreżenta iktar prospetti tal-kontijiet bankarji tal-konvenut ;

xii. Rappreżentant ta’ MSV Life p.l.c. ippreżentat informazzjoni dwar polza t’assigurazzjoni fuq il-ħajja intestata f’isem D C ;

xiii. Ruth Cutajar mill-Aġenzija Appoġġ ippreżentat estratt mill-fajl tal-Aġenzija rigwardanti l-każ tal-familja C ;

xiv. Kuntratt ta’ lokazzjoni tal-ħanut numru 20, Triq San Mark, il-Belt Valletta iddatat it-13 ta’ Ġunju 2000;

xv. Kuntratt ta’ kompro-vendita fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela iddatat l-14 ta’ Ġunju 1993, illi permezz tiegħu il-partijiet akkwistaw il-fond f’Ħaż-Żebbuġ li sussegwentement ikkostitwixxa id-dar matrimonjali ;

xvi. Kuntratt ta’ kompro-vendita fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino iddatat it-18 ta’ Mejju 2005, illi permezz tiegħu il-partijiet akkwistaw il-fond f’Buġibba ;

xvii. Kuntratt ta' kompro-vendita fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef iddatat it-30 ta' Marzu 2004, illi permezz tiegħu il-partijiet akkwistaw irremissa fil-Malta ;

xviii. Żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Familja fl-ismijiet Il-Pulizija vs. D C mogħtija fit-3 ta' Frar 2014 ;

xix. Affidavit Ulterjuri tal-attriċi ;

xx. Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dottor Tanya Sammut Catania iddatat l-14 ta' Mejju 2014 meta E kellu sbatax-il sena u F kellha tlettax-il sena;

xxi. Rappreżentant tal-Bank of Valletta p.l.c. ippreżenta prospetti tal-kontijiet bankarji tal-attriċi ;

xxii. Rappreżentant ta' ARMS Limited ippreżentat dokumenti relatati mas-servizz tad-dawl u l-ilma fid-dar matrimonjali ;

xxiii. Rappreżentant tal-HSBC Bank Malta p.l.c. ippreżentat prospetti tal-kontijiet bankarji tal-partijiet ;

xxiv. Xiehda ta' L M, ġar tal-partijiet ;

xxv. Affidavit tal-konvenut, maħluf fit-28 ta' Ottubru 2016 ;

xxvi. Affidavit ta' N O, ħabib tal-konjuġi C, maħluf fil-5 ta' Ottubru 2017 ;

KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet. Jiġi nnotat li m'hemm l-ebda kontro-talba da parti tal-intimat. Issir referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna u cioe:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli lilu;

- Għal dak li jirrigwarda l-minuri E u F, tikkontendi li għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tagħha b'aċċess taħt superviżjoni għall-intimat;
- Rigward manteniment titlob retta xierqa għaliha u għal uliedha minuri;
- Titlob li l-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
- Titlob li fid-dar taż-żwieġ jgħixu biss hi u wliedha ad esklużjoni tal-konvenut;

1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok, tagħmel referenza għall- Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

L-attriċi tattribwixxi lil żewġha il-ħtijiet ta' sevizzi, eċċessi u inġurji gravi fil-konfront tagħha.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson, ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Il-moħqrija, kif imsemmija fl-Artikolu 40 appena ċċitat, bħala bażi għas-separazzjoni personali, ġiet ritenuta minn ġurisprudenza kostanti bħala "sevizzi". Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud , deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".

L-attriċi taddebita wkoll lil żewġha t-theddid u l-vjolenza anke fiżika. Dwar dawn "Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima."

Illi l-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tistax tiġi ġustifikata. Skond kif ppronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Joanne Tabone pro. et noe. vs. K Tabone : "Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha;" Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta` li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taż-żwieġ" .

Fis-sentenza ġja ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".

Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom." Gie ritenut ukoll illi l-ingurji jridu: "joffendu l-persuna li kontra tagħha huma diretti b'mod li jiġġeneraw dulur, eżaċerbazzjoni u avverżjoni profonda kontra l-konjuġi li jkun ħati tagħhom."

L-intimat, filwaqt ma jopponix it-talba għas-separazzjoni personali, jaddebita lil martu bit-tortijiet tat-tkissir taż-żwieġ minħabba eċċessi, sevizzi, theddid u tgħajjir.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut huwa ħati ta' nġurji gravi u moħqrija fil-konfront ta' martu, liema moħqrija tikkonsisti fi vjolenza kemm morali u wkoll fiżika fuq il-persuna tagħha u f'okkażjonijiet minnhom anke fuq il-minuri. Sfortunatament l-istorja li tirrakkonta l-attriċi fl-affidavit tagħha hija waħda ta' vjolenza domestika manifestata matul numru ta' snin, sakemm l-attriċi sabet is-saħħa morali biex toħroġ minnha. Fil-fatt, hija għamlet il-kuraġġ li titlaq meta ndunat dwar l-impatt negattiv li kien qed jitħalla fuq uliedha. Il-Qorti m'hijiex sorpriża li l-konvenut tella' xiehda li jindikaw li l-konjuġi C kienu normali, għaliex fil-ġeneralita` tal-każi, l-aġir vjolenti isir behind closed doors u mhux fil-pubbliku. Bħala vittma, l-attriċi lanqas kellha l-ħila tiżvela dak il kienet għaddejja minnu mal-familjari tagħha, għalkemm huma setgħu dejjem josservaw id-dieqa tagħha. Minkejja dan, il-professjonijisti nkarigati mill-Qorti setgħu jivverifikaw illi l-konvenut għandu problema biex jikkontrolla r-rabja tiegħu u qatt ma pprova jfittex

l-għajnuna fir-rigward. Fortunatament l-attriċi laħqet sġiċċat l-aggressjoni tiegħu qabel ma kien tard wisq.

Dan ma jfissirx illi l-attriċi hi nieqsa minn kull ħtija. Iżda kien l-aġir aggressiv tal-konvenut li wassal għat-tifrik taż-żwieġ. Għalhekk fil-waqt illi l-Qorti tiddikjara illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, it-tort huwa attribwibbli lill-konvenut.

2. Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri E u F

Billi ulied il-partijiet E u F, huma llum maġġorenni, m'hemmx iktar lok li l-Qorti tippronunzja ruħha dwar il-kura u l-kustodja tagħhom u għalhekk ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba.

3. Dwar il-Manteniment

3.1 Dwar il-Manteniment għall-attriċi

Fil-mori tal-proċeduri, il-partijiet laħqu ftehim fejn l-attriċi ġiet assenjata il-ħanut tal-merċa u l-ħaxix fil-Belt, u dana sabiex hija tkun tista' taħdem u tiġġestixxi l-istess ħanut weħidha mingħajr l-assistenza tal-konvenut, tipperċepixxi l-qligħ hi u b'hekk ma jkollhiex il-ħtieġa li titlob manteniment għaliha mingħand żewġha. Il-Qorti hija tal-fehma li dan kien raġunament tajjeb ferm għaliex l-indipendenza finanzjarja hija l-ewwel pass maġġuri li setgħet tagħmel l-attriċi (u kull persuna li tinqabad fix-xibka tal-vjolenza domestika) sabiex tinħall mill-aggressur.

Preżentement l-attriċi għadha tiġġestixxi l-istess ħanut. B'hekk hija ma teħtieġx manteniment mingħand żewġha. Madankollu, il-Qorti tiddikjara illi l-attriċi ma tilfitx il-jedd li titlob manteniment mingħand żewġha, fl-eventwalita` li għal raġunjiet li ma jkollha ebda kontroll fuqhom, titlef il-fakolta` li tipperċepixxi l-għixien tagħha.

3.2 Dwar il-manteniment għall-minuri E u F

Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti ddatat l-24 ta' Frar 2011 , il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut sabiex iħallas manteniment għal uliedu fis-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull erba' ġimgħat.

Illi llum ulied il-partijiet huma maġġorenni u ma nġiebet ebda prova dwar l-istudji tagħhom u cioe jekk dawna għadhomx jistudjaw b'mod fiss. Illi fin-nuqqas, il-Qorti hija tal-fehma illi m'għandhiex tiddekreta manteniment għal ulied il-partijiet.

Jibqa' xorta waħda li jiġi determinat il-kwistjoni tal-arretrati tal-manteniment. Permezz ta' nota ddatata is-26 ta' Marzu 2019 , l-attriċi kkonfermat illi hija qatt ma rċeviet il-manteniment ordnat bid-digriet appena ċċitat tal-24 ta' Frar 2011. Il-konvenut jippretendi li l-ftehim dwar il-ħanut, kellu jeżentah ukoll mill-ħlas tal-manteniment tal-minuri. Il-Qorti li tat id-digriet tal-24 ta' Frar 2011 skartat dan ir-raġjunament li kien inġieb għall-konjizzjoni tagħha. Din il-Qorti kif ippresejeduta wkoll hija tal-fehma li l-konvenut kellu jħallas manteniment għall-minuri, minkejja li l-attriċi kienet tiġġestixxi l-ħanut. Ma nġiebet l-ebda prova dwar il-qligħ li jħalli l-ħanut, iżda wieħed jifhem li dana ma jissuperax l-introjtu tal-konvenut li jlaħħaq madwar disa' mitt Ewro kull ħmistax-il jum. B'hekk biex iż-żewġ ġenituri jkunu qegħdin jikkontribwixxu għall-għixien t'uliedhom, kif triq il-liġi, il-konvenut kellu jħallas dak il-manteniment kif ordnat mill-Qorti pendente lite.

Illi meta ngħata d-digriet tal-manteniment, il-minuri E kellu diġa erbatax-il sena biex b'hekk l-attriċi ma tħallsitx manteniment għalih għal ċirka erba' snin u cioe is-somma approssimattiva ta' tlettax-il elf Ewro. (€250 x 13 [perjodi ta' erba' ġimgħat kull sena] x4 snin). Fil-każ ta' F din kellha għaxar snin biex b'hekk l-attriċi ma tħallsitx manteniment għaliha għal ċirka tmien snin u cioe is-somma approssimattiva ta' sitta u għoxrin elf Ewro. (€250 x 13 [perjodi ta' erba' ġimgħat kull sena] x8 snin). B'kollox il-konvenut ma ħallasx lill-attriċi is-somma ta' disgħa u tletin elf Ewro (€39,000) u huwa debitur tagħha f'dan l-ammont.

4. Dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 fil-konfront tal-konvenut

Permezz tar-raba' talba tagħha l-attriċi talbet illi dina l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha jew in parte tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ odjern, it-tortijiet imputabbli lill-konvenut huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 et seq. (Dana b'differenza mill-każ meta l-firda personali tkun motivata mill-abbandun u l-adulterju, fejn k-applikazzjoni tal-effetti ta' dawn l-Artikoli huma mandatorji.)

L-Artikolu 48 jistipula: 48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 ;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti hija tal-fehma li t-tort tal-konvenut fit-tkissir taż-żwieġ huwa gravi biżżejjed sabiex ikunu applikati fil-konfront tiegħu l-effetti kollha tal-Artikolu 48 appena ċċitat.

5. Dwar it-Terminazzjoni u Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi telenka is-segwenti:

- Id-Dar matrimonjali ", li magħha hemm anness garage, li tistmaha bil-valur ta' €330,000; Valutazzjoni tal-fond mill-Perit Valerio Schembri iddatata fit-12 ta' April 2012 smat il-fond bil-garage sottopost bil-valur ta' €275,000 . Valutazzjoni tal-fond mill-Perit Mannie Galea iddatata 14 ta' Frar 2018 smat il-fond bil-garage sottopost bil-valur ta' €350,000 ;

- Appartament Numru 4 li tistma li għandu l-valur ta' €120,000; Valutazzjoni tal-fond mill-Perit Valerio Schembri iddatata fit-12 ta' April 2012 smat il-fond bil-valur ta' €115,000 ; Valutazzjoni tal-fond mill-Perit Mannie Galea iddatata 14 ta' Frar 2018 smat il-fond bil-valur ta' €105,000;

- Remissa li hija tistma li ġġib il-valur ta' €35,000; Valutazzjoni tal-fond mill-Perit Valerio Schembri iddatata fit-12 ta' April 2012 smat ir-

remissa bil-valur ta' €35,000 ; Valutazzjoni tal-fond mill-Perit Mannie Galea iddatata 14 ta' Frar 2018 smat il-fond bil-valur ta' €30,000.

- Il-lokazzjoni tal-ħanut, il-Belt Valletta;
- Il-vettura Mercedes C-Class 200 bil-valur ta' €3,500;
- Il-vettura (Pick up) Mitsubishi bil-valur ta' €5,000;
- Il-vettura Hyundai Accent bil-valur ta' €600;
- Tliet (3) żwiemel tal-ġiri;
- Debitu mas-soċjeta` Masaga (supplier tal-ħaxix għall-ħanut), fl-ammont ta' €8,000; Skont il-prospett iddatat Awwissu 2010 , l-ammont dovut lil Mazaga kien ta' €7,632.46;
- Debitu mal-Bank of Valletta p.l.c. għall-home loan fis-somma ta' ċirka €10,000;
- Debitu mal-Bank of Valletta p.l.c. għall credit cards użati mill-konvenut, li jlaħħaq iktar minn €7,000;

Ma' dawn irid jiżdiedu wkoll stante illi rriżultaw mill-provi miġjuba a konjizzjoni tal-Qorti:

- Diversi kontijiet barkarji intesti f'isem il-partijiet kemm separatement kif ukoll flimkien;
- Il-polza t'assigurazzjoni ta' MSV Life f'isem il-konvenut indikata fir-referenza

Illi għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet, u tassenjaha kif ġej:

Lill-attriċi qiegħda tassenjalha:

- Il-lokazzjoni tal-ħanut, il-Belt Valletta; Dana qiegħed jiġi assenjat lill-attriċi bi tpaċija ma kwalsijasi jedd ta' manteniment għaliha personali li għandha l-attriċi fil-konfront ta' żewġha. B'hekk, sakemm tibqa' fil-pussess tal-imsemmi ħanut, l-attriċi ma jkollhiex jedd titlob manteniment ulterjuri għaliha mingħand żewġha.

Valur mogħti mill-Qorti

Id-Dar matrimonjali bil-garage magħha anness; €330,000

Il-vettura Mercedes C-Class 200 €3,500

Kull debitu mas-soċjeta` Masaga (supplier tal-ħaxix għall-ħanut), (€7632.46)

Kontijiet barkarji intesti f'isem l-attriċi

€325,867.54

Lill-konvenut qiegħda tassenjalu:

Valur mogħti mill-Qorti

Appartament Numru €110,000

Remissa Numru €35,000

Il-vettura (Pick up) Mitsubishi€5,000

Wreck Il-vettura Hyundai Accent €600

Tliet (3) żwiemel tal-ġiri €25,000

Debitu mal-Bank of Valletta p.l.c. għall-home loan kont innumerat (€3051.35) possibilment sal-preżenti ġie saldat

Kontijiet barkarji intesti f'isem il-konvenut

Il-polza t'assigurazzjoni ta' MSV Life f'isem il-konvenut indikata fir-referenza

€10,000

€182,548.63

B'hekk jirriżulta li hemm differenza ta' €143,318.89 fil-valur ta' dak assenjat lill-attriċi u dak assenjat lill-konvenut, biex b'hekk hemm ekwiparazzjoni ta' €71,659.45 favur il-konvenut.

Minn dan l-ammont ta' €71,659.45 jitnaqqas:

- €39,000 rappreżentanti l-manteniment għal ulied il-partijiet meta dawn kienu minuri, liema manteniment il-konvenut irrifjuta li jħallas fil-mori tal-proċeduri kif stabbilit fil-paragrafu 3. Manteniment;

- €12,000 kreditu parafernali tal-attriċi li ħallset 'il fuq minn Lm5,000 iżjed mill-konvenut meta l-partijiet xtraw id-dar matrimonjali. Dan jirriżulta mix-xiehda tal-attriċi kif korraborata mix-xiehda ta' missierha G sive H I, u bl-ebda mod kontradetta mill-konvenut.

B'hekk jifdal €20,659.45 ekwiparazzjoni favur il-konvenut. Il-Qorti għaldaqstant qiegħda tordna lill-attriċi sabiex tħallas lill-konvenut is-somma ta' għoxrin elf sitt mija u disa' u ħamsin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€20,659.45), li jistgħu jitħallsu b'rati mensili, fuq perjodu ta' tnejn u erbgħin xahar mingħajr interessi. Kwalsiasi bilanċ dovut f'għeluq l-imsemmija tnejn u erbgħin xahar ossija tliet snin u nofs, jattira imgħax legali favur il-konvenut ta' tmienja fil-mija (8%). Jekk l-attriċi titrasferixxi d-dar matrimonjali lil terzi, il-bilanċ li jkun għadu dovut lill-konvenut għandu jiġi saldat fi żmien xahar mit-trasferiment tad-dar. Fin-nuqqas, jiddekorri favur il-konvenut imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%).

6. Dwar id-Dar Matrimonjali

Illi fl-ewwel lok, mil-lum, id-dar m'għandhiex iktar titqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

Ir-rikorrenti qiegħda titlob li hija tkun awtorizzata tirrisjedi fl-istess dar, flimkien ma' uliedha, iżda bl-esklużjoni tal-intimat. Il-konvenut kien diġa ġie ordnat sabiex pendente lite jallontana ruħu mid-dar matrimonjali, permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Mejju 2011 . Effettivament huwa m'għadux jirrisjedi fl-istess dar u dan in ottemporanza mal-ordni tal-Qorti.

Tenut kont tas-sofferenza kkawżata lill-attriċi minn żewġha u tal-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti permezz tal-preżenti sentenza, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attriċi għandha tibqa' tirrisjedi fl-istess dar ġja d-dar matrimonjali bl-esklużjoni ta' żewġha;

DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi C, bi ħtijiet imputabbli lill-konvenut;

[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrenti;

[3] Tilqa’ t-tielet talba tar-rikorrenti limitatament għal dak li huwa stipulat fil-paragrafu 3. Manteniment;

[4] Tilqa’ r-raba’ talba attriċi u konsegwentement tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

[5] Tilqa’ l-ħames talba tal-attriċi u filwaqt li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet konjuġi C b’effett mill-preżenti, tillikwidaha u tiddividiha skont il-provvedimenti tal-paragrafu 5. Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti;

[6] Tilqa’ s-sitt talba attriċi u tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jippubblika att ta’ diviżjoni kif ukoll lill-Avukat Simon Micallef Stafrace bħala kuratur fl-eventwalita` ta’ kontumaċi fuq l-istess att.

[7] Tilqa’ s-seba’ talba attriċi u tawtorizza lil-attriċi tgħix fid-dar ġja matrimonjali bl-esklużjoni ta’ żewġha;

[8] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba;

[9] Tilqa’ d-disa’ talba attriċi u tawtorizza lil-attriċi tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

L-ispejjeż u d-drittijiet Notarili relatati mat-trasferiment tal-propjeta' komuni bejn il-partijiet, jkunu sapportati miż-żewġ partijiet skont il-valur tal-propjetajiet assenjati lil kull parti.

L-ispejjeż tal-Avukat Dr. Simon Micallef Stafrace nominat iktar 'il fuq f'din is-sentenza għall-eventwali kontumaċi, jitħallsu mill-eventwali kontumaċi;

L-ispejjeż tal-preżenti jkunu sopportati unikament mill-konvenut.